SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 30/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 27/05/'13** **30**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 27/05/'13** **39**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Josianne Cutajar

1.04 Skużati: Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

1.07 Qabel bdiet il-laqgħa l-Kumitat ġie nfurmat li Ms. Maria Dolores Falzon aċċettat il-kariga tal-co-option.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 t'April 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta’ Żewġ Membri
4. Komunikazzjoni miċ-Ċerman
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 29/KA1/13 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P276 | Email mingħand id-Dipartiment tax-Xogħolijiet rigward iż-*zebra crossings* fit-toroq ta’ Paceville. |
| P314 | Email mingħand il-Perit Alan Galea rigward applikazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet għad-Dick’s Bar. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P276

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment tax-Xogħolijiet rigward it-talba li saret mill-Kumitat dwar iż-*zebra crossings* fit-toroq ta’ Paceville. Ġie deċiż unanimament li f’dan l-istadju tintalab laqgħa ‘*on site*’ ma’ rappreżentant mit-Transport Malta għal-parir min-naħa tagħhom. Dan biex kull fejn hemm *zebra crossing* fit-toroq ta’ Paceville li tinstab fil-kantuniera, titressaq għal post aktar addattat. Dan minħabba li huma ta’ periklu għall-pubbliku u biex tiġi evitata kull diżgrazzja.

Rif. Nru. P314

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Alan Galea rigward applikazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet għad-Dick's Bar. Il-Kumitat ġie nfurmat li:-

a) din m'hiex il-proċedura normali li ilha tintuża għal żmien twil;

b) il-Kunsill ma ġiex infurmat b'xi tibdil fis-sistema;

c) normalment meta l-Kunsill jagħti l-oġġezzjonijiet, jagħtihom fuq il-kundizzjonijiet li jinħarġu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. F'dan il-każ ma hemmx il-kundizzjonijiet mehmuża.

2.04 Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kumitat ma sabx oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni dment li jiġu osservati r-regolamenti ta' l-awtoritajiet ikkonċernati.

**3 Aġġornament - *Co-option* ta' Żewġ Membri**

3.01 Iċ-Ċermen ippropona li jiġi co-opted is-Sur Michael La Rosa. Numru ta' l-identita' 224170(M) li joqgħod 4/62 Triq Ball Paceville.

3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

3.04 Is-Sur Michael La Rosa aċċetta din il-kariga u ngħaqad mal-membri l-oħra tal-Kumitat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.05 Fir-rigward ta' co-option ta' membru ieħor, iċ-Ċermen informa lill-Kumitat li għalissa m'għandu lil ħadd li jista' jiġi co-opted.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ġie deċiż unanimament li jintbagħtu kopja tal-minuti bil-posta lill-Membri Joe Oliva u Maria Dolores Falzon u li jiġu nfurmati telefonikament bil-laqgħat peress li m'għandhomx kompjuter.

4.02 Ġie deċiż li l-Kumitat japplika għall-email address tal-Gvern għall-Membru l-ġdid, is-Sur Michael La Rosa.

4.03 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li fi Triq Salvu Privitera kantuniera' ma' Paceville Avenue qed jinħareġ l-iskart wara l-ħin tal-ġbir u fil-weekends. B'konsegwenza li qed ikun hemm

ħafna ħmieġ u ġrieden. Iċ-Ċermen kompla li hu stess ġieli rraporta iżda rari ttieħdet azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Joseph Oliva pproponihom.

5.03 Iċ-Ċerman issekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 225 sa nru. 231 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Il-laqgħa għax-xahar ta' Ġunju ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2013 fl-4.00p.m.

6.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fis-6.25 p.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**